IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — ĠUNJU 1946

# TIJATRU NAZZJONALI

*IT-TIJATRU hu l-mera ta' ħajjet il-bniedem. Sa minn żminijiet l-aktar qodma kittieba u artisti ntefgħu bil-ħrara kollha ta' qalbhom biex ifissru fuq il-palk it-tqanqil, ix-xejriet, il-ġibdiet u n-nuqqasijiet tan-nies ta' żmienhom. Minn Aeschylus sa Ibsen, eluf u eluf ta' awturi kitbu għall-palk bil-fehma li juru t-tajjeb u l-ħażin tal-ħajja ħalli l-bnedmin jifthu għajnejhom, ikattru dehenhom u jitgħallmu jagħżlu dak li hu xieraq minn dak li mhux.* All the world's a stage and all the men and women merely players, *qal Shakespeare, u qal sewwa għax l-arti drammatika tħaddan ġrajja żgħar u kbar, sbieħ u koroh, li jsiru jew li jitwettqu fuq wiċċ id-dinja kollha mill-popli li jgħammru fl-erbat irjieħ tagħha.*

*Il-ħidma ta' dawk li tawha għall-palk ma' tul il-medda tassnin swiet mhux ftit biex nisslet bixra ġdida fil-ħajja tal-bniedem u bosta drabi kienet il-kawża ta' taqlib kbir fil-fehmiet u r-rediet ta' popli u ta' nazzjonijiet.*

*Ħafna drabi d-drammatisti għamlu impressjoni tant kbira fuq il-ħajja nazzjonali li baqgħu magħdudin bħala xempju ta' l-isbaħ u l-ogħla foħrija ta' pajjiżhom; hekk Shakespeare jidher bħala l-espressjoni ta' kulma hu kbir, tajjeb u sewwa fl-Ingilterra u ma' isem Goethe huma marbutin l-isbaħ xejriet tal-poplu Ġermaniż.*

*Aktar ma nazzjon tkun għaddiet 'il quddiem fil-mixja tal-progress tagħha, aktar ikollha patrimonju drammatiku għani u kbir, għax ħajja kulturali ħarkiena ma tistax ma tqanqalx ħeġġa u ħrara għall-palk fost il-mexxejja tal-moviment kulturali u minn hawn ġej li aktarx l-opri kbar drammatiċi jaslu wara li jkunu ssawru opri kbar fl-oqsma letterarji l-oħra.*

*Kull qawmien ta' pajjiż ġieb warajh tqanqil letterarju u kull tqanqila letterarja aktarx tibda bil-poeżija u tibqa' toktor u togħla, pass wara l-ieħor, sakemm tgħaddi mill-proża għad-dramma. Minn hekk ġej li l-letteratura Maltija għadha xi ftit nieqsa mill-opri drammatiċi: mhux għax ma kienx hawn ħajra biżżejjed għal din ix-xorta ta' kitba, iżda għax l-ispirazzjoni letterarja s'issa għadha ma bdietx timraħ fil-wisa' li tħaddan il-fergħa drammatika.*

*Imma dan l-aħħar rajna fost il-kittieba Maltin xejra sabiħa għall-opri tal-palk. Ivo Muscat Azzopardi, Alb. Cassola, Ġorġ Pisani, Erin Serracino Inglott tawha bil-ħrara ta' qalbhom kollha għall-kitba drammatika u nisslu xogħlijiet ta' fejda kbira, ta' ġmiel li jgħaxxaq u ta' sengħa mirquma. Dawn il-kittieba, ma' Ninu Cremona, Mikiel Anġ Borg u xi ftit oħrajn li l-lum mietu, sawru tijatru Malti, ċkejken fid-daqs iżda mimli ħeġġa u ħajja u mid-dehra għandu qawwa biex ixettel, iwarrad u jiftaħ f'sedqa ta' ġmiel li jsebbaħ il-letteratura tagħna. Dawn ix-xogħlijiet huma rahan ta' qawmien tad-dramma Maltija, imma sakemm naslu f'dan irridu ndumu nħabirku u nitħabtu u jeħtiġilna, lilna l-kittieba Maltin, rieda qawwija u fehma sħiħa ħalli nagħtu lil Malta tagħna palk Malti li jixraq lil-istorja tagħha.*

*Il-palk, bħalma għedna, ma jiħux xejra u għamla għalih waħdu fi żmien qasir, għax jinħtieġu żewġ ħwejjeġ biex jirfdu l-palk fuq sisien sħaħ: l-opri drammatiċi u l-artisti, u bħalma l-opri drammatiċi, tajbin kemm huma tajbin, ma jinqalgħux jekk ma jkollhomx artisti li jaħdmuhom, hekk l-artisti tajbin ma jagħmlux figura jekk ma jkollhomx xogħlijiet tajba x'jirreċtaw. Artisti u opri mbagħad, jeħtieġu wieħed li jinqala' biex iqassamhom, jagħżilhom, u jnsiġhom flimkien ħalli jagħti lil kull artist parti li l-aktar tgħodd għalih u barra dan jieħu ħsieb imexxi kollox f'loku, joħloq xenarji, kostumi, dwal u rqaqat oħra li mingħajrhom il-produzzjoni tisfa' mejta jew bla ħajr.*

*Fit-tqanqila li qamet dan l-aħħar biex il-palk Malti jieħu xejra 'l quddiem, dak li għoġobna ħafna hu li ndaħlu nies ta' kultura u ta' sengħa, nies li jifhmu u mħarrġin fis-sengħa drammatika, nies li jħossu ġibda mill-qalb għal din is-sengħa u mhux imħajrin biss bħala dilettanti. Bħalma għedna qabel, x'uħud mill-aħjar kittieba issa ħarġu opri drammatiċi li ma jagħmlux għajb lil xogħlijiet barranin. X'uħud minn dawn l-opri nħadmu minn artisti tassew u kienu milqugħin tajjeb ħafna. L-istudenti ta' l-Università taw dramm Malti, marru jarawh l-aħjar nies u qala' ġieħ u foħrija.*

*Imma l-aqwa u l-aħjar ħaġa li saret biex issaħħaħ u sseddaq il-palk Malti hu l-konkors tijatrali li tnieda dan l-aħħar. Beda biex inqħaqad kumitat mimli ħeġġa u ħrara, inħatru l-eżaminaturi, ta' min jorbot fuqhom, u għadd sabiħ ta' kumpanniji ndaħlu għall-konkors.*

*Hawn ma rridux niktbu rendikont ta' dak li sar fil-konkors, u anqas ma biħsiebna nagħmlu elogju lill-kumpanniji għar-reċiti tassew bil-għaqal li taw, iżda rridu ngħidu li l-konkors irnexxa mill-aktar u huwa rahan ta' qawmien ġdid tad-dramma Maltija u għalhekk jistħoqq kull ġieh lil dawk l-organizzaturi; bis-saħħa tiegħu l-palk Malti ħa qabża 'l quddiem u ta xhieda tal-qawwa, il-ħeġġa u s-setgħa tiegħu. Dan il-konkors sewa wkoll biex fetaħ għajnejn ħafna nies għall-ġmiel, għall-ħlewwa u għas-sbuħija tal-palk nazzjonali.*

*Jekk jirnexxielna nseddqu dan il-qawmien tad-dramma Maltija u rrawmu palk nazzjonali nkunu swejna ta' ġid bla tarf mhux biss lil-letteratura tagħna, iżda lill-kultura u lill-istruzzjoni ta' pajjiżna wkoll.*